

**Domandi preliminari**

- 1) Id-Direttiva Nru 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 <sup>(1)</sup> u l-prinċipju ta' effettività tad-dritt Komunitarju għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu l-applikazzjoni ta' regola tad-dritt nazzjonali li tipprojbixxi lill-qorti milli tevalwa n-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt konkluż ma' kummerċjant, meta l-garanti kummerċjali li jggarantixxi l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ikun informa lid-debitur-konsumatur li huwa kien ser iwettaq il-ħlas u li dan tal-aħħar ma indikalux l-eċċezzjonijiet li jistgħu jiġu invokati?
- 2) L-indikazzjoni, fil-korp tat-test tal-kuntratt, li r-riskju tal-kambju jinsab fuq min jieħu s-self inkwistjoni, ikkompletata b'tabelli ta' amortizzament, tista' tirrendi l-klawżola "ċara u li tinftiehem" fis-sens tad-direttiva, fl-assenza ta' simulazzjonijiet li juru diversi ipoteżijiet, inklużi dawk sfavorevoli, ta' movimenti tar-rata tal-kambju?
- 3) L-oneru tal-prova li l-konsumatur inġhata l-elementi neċessarji sabiex il-klawżola inkwistjoni tkun ta' natura ċara u li tinftiehem, u sabiex tingħata prova li l-imsemmija klawżola hija ta' natura ċara u li tinftiehem, jaqa' fuq il-kummerċjant jew fuq il-konsumatur?
- 4) Fil-każ fejn il-qorti tqis li l-klawżoli 1.2.1 sa 1.2.9 u 2.8 tal-kuntratt huma inġusti għaliex ma ġewx redatti b'mod suffiċjentement ċar u li jinftiehem, hemm lok li jiġi ddikjarat li l-klawżoli finanzjarji kollha, inkluża l-klawżola tal-interessi, ma ġewx miktuba, jew li jiġu ddikjarati mhux miktuba biss il-klawżoli li jirrigwardaw il-varjazzjoni tar-rata tal-kambju u l-klawżola tal-munita u titħalla fis-seħħ rata ta' interessi fissa, l'euro, jew għandha tingħata saħansitra għażla oħra?
- 5) Fl-eżami tad-domanda preċedenti, hemm lok li l-qorti tiżgura ruħha li s-sanzjoni mogħtija tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de l'entreprise de Liège (il-Belġju) fil-31 ta' Diċembru 2018 – SI, Brompton Bicycle Ltd vs Chedech / Get2Get**

**(Kawża C-833/18)**

(2019/C 82/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de l'entreprise de Liège

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: SI, Brompton Bicycle Ltd

Konvenuta: Chedech / Get2Get

**Domandi preliminari**

— Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari, id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni <sup>(1)</sup>, li tistabbilixxi b'mod partikolari l-varji drittijiet esklużivi rrikonnoxxuti lill-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur fl-Artikoli 2 sa 5 tagħha, għandu jiġi interpretat bħala li jeskludi mill-protezzjoni permezz tad-drittijiet tal-awtur ix-xogħlijiet li l-forma tagħhom hija neċessarja sabiex jintlaħaq ir-riżultat tekniku?

- Sabiex tiġi evalwata n-natura neċessarja ta' forma sabiex jintlaħaq ir-riżultat tekniku, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kriterji li ġejjin:
  - L-eżistenza ta' forom oħra possibbli li jippermettu li jintlaħaq l-istess riżultat tekniku?
  - L-effettività tal-forma sabiex jintlaħaq l-imsemmi riżultat?
  - Ir-rieda tal-allegata persuna li tkun wettqet il-ksur li tilħaq dan ir-riżultat?
  - L-eżistenza ta' privattiva preċedenti, li llum skadiet, fuq il-proċess li jippermetti li jintlaħaq ir-riżultat tekniku mfittex?

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

**Appell ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2019 minn Mylène Troszczynski mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-8 ta' Novembru 2018 fil-Kawża T-550/17, Troszczynski vs Il-Parlament**

**(Kawża C-12/19 P)**

(2019/C 82/22)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellanti:* Mylène Troszczynski (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza mogħtija fit-8 ta' Novembru 2018 mis-Sitt Awla tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (T-550/17).

B'hekk:

- tannulla d-Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 li tadotta r-Rapport Nru A8-0218/2017 tal-Kummissjoni tal-Affarijiet Legali fuq it-talba għat-tneħħija tal-immunità u tal-privileġġi ta' Mylène Troszczynski, membru tal-Parlament Ewropew,
- tiddeċiedi skont il-liġi dwar l-ammont li għandu jitħallas lill-appellanti bħala spejjeż proċedurali.
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

1. Fuq l-evalwazzjoni tat-tieni motiv mill-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali ma tikkunsidrax it-tweet inkwistjoni ta' Mylène Troszczynski bħala opinjoni espressa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Parlament Ewropew, peress li din tirrigwarda avveniment preċiż, li allegatament seħħ fi Franza, u li din ma tistax tiġi mqabbla ma' adozzjoni ta' pożizzjoni ġenerali fuq suġġetti ta' attwalità kurrenti jew ittrattati mill-Parlament, karatteristiċi neċessarji ta' opinjoni protetta mill-Protokoll.

Il-Qorti Ġenerali twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni peress li:

- kull membru tal-Parlament Ewropew huwa elett mill-pajjiż tiegħu, jirrappreżenta lill-eletturi tiegħu, u matul il-mandat tiegħu għandu jżomm rabta neċessarja magħhom, b'mod partikolari billi jirreferi għal fatti li jinteressawhom jew jikkonċernawhom,